**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2020/2012(INL)**

15.6.2020

# EMENDA 1-116

**Abbozz ta' opinjoni**
**Assita Kanko**
(PE652.296v01-00)

Qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati
(2020/2012(INL))

AM_Com_NonLegOpinion

**Emenda 1**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni - 1 (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar tal-Unjoni Ewropea (TUE),*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni - 1a (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra l-Artikoli 10, 19, 21 u 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni - 1b (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra d-dritt ta' petizzjoni minqux fl-Artikoli 20 u 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (EUCFR),*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni -1c (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***– wara li kkunsidra l-Artikoli 21 u 22 tal-EUCFR,*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni -1d (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***– wara li kkunsidra l-preambolu tat-TUE,*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni -1e (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, il-Protokoll Nru 12 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji,*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni -1f (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità[1a] (Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali),*** |
| | ***[1a] ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni -1g (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***–	wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol[1a] (Direttiva dwar it-Trattament Ugwali fl-Impjieg),*** |
| | ***[1a] ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni -1h (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)[1a] (GDPR), kif ukoll id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI[1b],***<br>_________________<br>***[1a] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.***<br>***[1b] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni -1i (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u*** |

| | |
|---|---|
| | ***lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew,*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni -1j (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Regoli ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika[1a],*** |
| | _________________ |
| | [1a] ***ĠU C 252, 18.7.2018, p. 239.*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Kunsiderazzjoni -1k (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-OECD dwar l-Intelliġenza Artifiċjali adottata fit-22 ta' Mejju 2019,*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Premessa A (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***A. billi l-iżvilupp u t-tfassil tal-hekk imsejħa "intelliġenza artifiċjali", tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati ssir mill-bnedmin, u l-għażliet tagħhom jiddeterminaw il-potenzjal tat-teknoloġija għall-benefiċċju tas-soċjetà;*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Premessa B (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***B. billi r-responsabbiltà algoritmika għandha tfisser l-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u operazzjonali li jiżguraw it-trasparenza, il-ktajjen ta' responsabbiltà assenjati b'mod ċar, in-nondiskriminazzjoni permezz ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat jew permezz ta' kalkolu ta' probabbiltajiet ta' mġiba individwali; billi t-trasparenza għandha tagħti lill-individwi informazzjoni sinifikanti dwar il-loġika involuta, is-sinifikat u l-konsegwenzi previsti; billi din għandha tinkludi informazzjoni dwar id-data użata għat-taħriġ tal-IA u tippermetti lill-individwi jifhmu u jimmonitorjaw id-deċiżjonijiet li jaffettwawhom;*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Premessa C (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***C. billi hemm tħassib serju li l-qafas legali attwali tal-UE, inkluż l-acquis tal-liġi tal-konsumaturi, is-sikurezza tal-prodotti u l-leġiżlazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq, kif ukoll il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni mhux dejjem ikunu adattati għall-iskop li jindirizzaw b'mod effettiv ir-riskji maħluqa mill-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Premessa D (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***D. billi l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jista' jkollhom implikazzjonijiet serji fuq oġġetti materjali u immaterjali ta' individwi, gruppi, u s-soċjetà inġenerali, u dawn il-ħsarat individwali u kollettivi jridu jiġu riflessi fit-tweġibiet leġiżlattivi;*** |

Or. en

**Emenda 17**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Premessa E (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***E. billi kwistjonijiet ta' governanza*** |

| | |
|---|---|
| | ***bil-varar tal-IA fis-settur pubbliku jridu jiġu kkunsidrati kif xieraq f'termini tal-implikazzjonijiet tagħha għad-demokrazija, speċjalment il-leġittimità demokratika, ir-responsabbiltà, l-involviment pubbliku sinifikanti u s-sorveljanza;*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Premessa F (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***F. billi l-analiżi tad-data u l-IA għandhom impatt dejjem akbar fuq l-informazzjoni li tkun aċċessibbli għaċ-ċittadini; billi tali teknoloġiji, jekk jintużaw ħażin, jistgħu jipperikolaw id-drittijiet fundamentali għall-informazzjoni, kif ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-media;*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Premessa G (ġdida)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***G. billi gwida etika, bħall-prinċipji adottati mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, tipprovdi punt ta' tluq tajjeb iżda mhijiex biżżejjed biex tiżgura li n-negozji jaġixxu b'mod ġust u jiggarantixxu l-protezzjoni effettiva tal-konsumatur;*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu -1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a. Jenfasizza li l-prospetti u l-opportunitajiet tal-intelliġenza artifiċjali jistgħu jiġu sfruttati bis-sħiħ miċ-ċittadini, is-settur pubbliku u dak privat, l-akkademja u l-komunità xjentifika biss meta l-fiduċja tal-pubbliku f'dawn it-teknoloġiji tiġi żgurata permezz ta' infurzar qawwi tad-drittijiet fundamentali u konformità mal-liġi attwali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u ċ-ċertezza legali għall-atturi kollha involuti; jenfasizza li l-ipproċessar ta' data personali jista' jsir biss skont kwalunkwe bażi ġuridika stabbilita fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679; iqis li huwa kruċjali li t-trasparenza u l-għoti ta' informazzjoni xierqa għall-udjenzi kkonċernati jkunu fundamentali għall-bini tal-fiduċja min-naħa tal-pubbliku u għall-protezzjoni tad-drittijiet individwali;*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu -1b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1b. Jissottolinja li l-konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data, flimkien ma' standards xjentifiċi, etiċi u legali b'saħħithom, u*** |

| | |
|---|---|
| | ***metodi ta' sorveljanza demokratika, ikunu fundamentali biex jiġu stabbiliti l-fiduċja fis-soluzzjonijiet tal-IA u l-affidabbiltà tagħhom; jenfasizza wkoll li l-informazzjoni żvelata mill-IA ma toffrix stampa imparzjali ta' xi suġġett u hija affidabbli biss skont kemm tippermetti d-data sottostanti; jenfasizza li l-analiżi predittiva abbażi tal-IA tista' toffri biss probabbiltà statistika u għalhekk mhux dejjem tista' tipprevedi b'mod preċiż l-imġiba individwali; jenfasizza, għalhekk, li standards xjentifiċi, etiċi u legali b'saħħithom huma ta' importanza vitali biex jiġi ġestit il-ġbir tad-data u jiġu ġġudikati r-riżultati ta' din l-analiżi tal-IA;*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Paul Tang**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku ***għandu jfittex*** li ***jirrispetta l-awtonomija umana***, ***jipprevjeni l-ħsara***, ***jippromwovi l-ekwità***, u ***jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji***; | 1. Jemmen li ***l-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), u għalhekk ta'*** kwalunkwe qafas etiku, ***jeħtieġ li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet, il-libertajiet u l-valuri fundamentali, inklużi l-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali, in-nondiskriminazzjoni u l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, kif minqux fil-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, jiġifieri r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (GDPR)[1a] u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ePrivacy)[1b,] li bħalissa qed tiġi riveduta, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora obbligu ta' trasparenza u ta' spjegabbiltà tal-applikazzjonijiet tal-IA fil-*** |

| | |
|---|---|
| | ***qafas etiku tagħha, u l-possibbiltà*** li ***l-bniedem jintervjeni fihom, u tieħu ħsieb, fil-proposti leġiżlattivi tagħha, biżżejjed sorveljanza***, ***infurzar b'penali effettivi***, ***awditjar indipendenti***, ***testijiet tal-istress speċifiċi*** u ***l-mezzi l-oħra kollha meħtieġa għal sistema ta' kontrolli u bilanċi li tiffunzjona kif suppost***; |
| | ***1a Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*** |
| | ***1b Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu ***jfittex li jirrispetta l-awtonomija umana***, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, u ***jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji***; | 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu ***jiżgura r-rispett għall-awtonomija tal-bniedem, jiżgura benefiċċji għal kulħadd***, jipprevjeni l-ħsara, ***u*** jippromwovi l-ekwità, ***l-ugwaljanza*** u ***t-trasparenza; jinnota li l-potenzjal għall-intelliġenza artifiċjali (IA), ir-robotika u*** |

| | |
|---|---|
| | ***teknoloġiji relatati li huma verament etiċi inevitabbilment se joħloq kunflitt mal-orjentazzjoni tal-profitt ta' kumpaniji u interessi privati; jenfasizza għalhekk li qafas etiku għall-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ma jiħux post regolamentazzjoni legali wiesgħa u vinkolanti ta' dawn; jappella biex il-proġett tar-regolamentazzjoni legali sħiħa u vinkolanti tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati min-naħa tal-Unjoni Ewropea jitmexxa 'l quddiem mingħajr ebda dewmien;*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Katarina Barley, Marina Kaljurand, Sylvie Guillaume, Birgit Sippel, Tudor Ciuhodaru, Paul Tang, Petar Vitanov, Elena Yoncheva**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jemmen li kwalunkwe qafas ***etiku*** għandu ***jfittex*** li jirrispetta l-awtonomija ***umana***, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità**,** u jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji; | 1. Jemmen li ***hemm differenza bejn l-etika u l-liġi u r-rwol li għandhom fis-soċjetajiet tagħna;*** kwalunkwe qafas ***ta' prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), ir-robotika u t-teknoloġiji relatati*** għandu ***jikkomplementa l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u b'hekk ifittex*** li jirrispetta ***d-dinjità u*** l-awtonomija ***tal-bniedem***, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità u ***t-trasparenza,*** jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji ***u jiggarantixxi li t-teknoloġiji jkunu hemm biex iservu lin-nies, bl-għan aħħari li jiżdied il-benesseri tal-bniedem għal kulħadd;*** |

Or. en

**Emenda 25**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu ***jfittex li jirrispetta*** l-awtonomija ***umana***, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, u ***jirrispetta l-prinċipju*** tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji; | 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku ***u legali*** għandu ***jirrispetta u jippreserva d-dinjità tal-bniedem,*** l-awtonomija***, u l-awtodeterminazzjoni tal-individwu***, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, u ***jimplimenta l-prinċipji*** tal-ispjegabbiltà***, l-interpretabbiltà, il-kapaċità tal-awditjar, kif ukoll it-traċċabbiltà, it-trasparenza, u l-aċċessibbiltà*** tat-teknoloġiji; |

Or. en

**Emenda 26**
**Roberta Metsola, Javier Zarzalejos**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu jfittex li jirrispetta l-awtonomija umana, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, u jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji; | 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu jfittex li jirrispetta l-awtonomija umana, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità ***u l-inklużjoni - speċjalment ta' ċittadini li jgħixu b'diżabbiltà - jiġġieled kontra d-diskriminazzjoni, anki ta' gruppi ta' minoranzi***, u jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji; |

Or. en

**Emenda 27**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu ***jfittex li*** jirrispetta l-awtonomija ***umana***, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, u jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà ***tat-teknoloġiji***; | 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu ***jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati,*** jirrispetta l-awtonomija ***tal-bniedem***, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, ***jelimina l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni*** u jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà; |

Or. en

**Emenda 28**
**Beata Kempa**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu jfittex li jirrispetta l-awtonomija umana, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, u jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji; | 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu jfittex li jirrispetta l-awtonomija umana, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, u jirrispetta l-prinċipju tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji; ***jemmen li t-teknoloġija għandha sservi lill-bnedmin, u mhux toħdilhom posthom jew tiddeċiedi għalihom;*** |

Or. pl

**Emenda 29**
**Andor Deli**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu jfittex li jirrispetta l-awtonomija umana, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, u jirrispetta l-prinċipju tal- | 1. Jemmen li kwalunkwe qafas etiku għandu jfittex li jirrispetta l-awtonomija umana, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ekwità, u jirrispetta l-prinċipju ***tan-*** |

| | |
|---|---|
| ispjegabbiltà tat-teknoloġiji; | ***newtralità teknoloġika u*** tal-ispjegabbiltà tat-teknoloġiji; |

Or. en

**Emenda 30**
**Paul Tang**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1 – inċiż 1 (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- Awditi indipendenti dwar l-applikazzjoni tal-IA għandhom isiru kull sena, b'analoġija mas-settur finanzjarju, biex jiġi eżaminat jekk l-applikazzjonijiet tal-IA u l-kontrolli u l-bilanċi użati humiex skont kriterji speċifikati; l-awdituri jeħtieġ li jiġu sorveljati minn awtorità ta' sorveljanza suffiċjentement indipendenti;*** |

Or. en

**Emenda 31**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Iwissi li, minħabba l-mod li bih id-deċiżjonijiet u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu intrużivi – inkluż permezz tal-ipproċessar tad-data u l-IA – f'ħajjet iċ-ċittadini u d-drittijiet tagħhom, hija meħtieġa kawtela massima għall-prevenzjoni ta' diskriminazzjoni illegali u l-immirar ta' ċerti individwi jew gruppi ta' persuni definiti b'referenza għar-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-*** |

| | |
|---|---|
| | ***twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, is-sess, l-espressjoni tal-ġeneru jew l-identità, l-orjentazzjoni sesswali, l-istatus ta' residenza, is-saħħa jew is-sħubija f'minoranza nazzjonali li ta' spiss tkun is-suġġett tat-tfassil tal-profili etniċi jew attivitajiet aktar intensivi tal-pulizija għall-infurzar tal-liġi, kif ukoll individwi li jinzertaw li jiġu definiti b'karatteristiċi partikolari; jappella għal taħriġ xieraq għall-kolletturi tal-ewwel linja tad-data u l-utenti tal-intelligence derivati mill-IA;*** |

Or. en

**Emenda 32**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza li l-iżvilupp u l-varar tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati m'għandhomx jitħallew biss jew prinċipalment għas-settur privat; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu mobilizzati kemm ir-riżorsi tal-Unjoni kif ukoll ir-riżorsi tal-Istati Membri biex jaħdmu favur il-ħolqien ta' IA, robotika u teknoloġiji relatati tassew pubbliċi, nonproprjetarji u etiċi, filwaqt li jitqies li l-IA, b'mod partikolari, hija teknoloġija bi skop ġenerali li bħalissa qed tirfed u, fil-futur, se tirfed dejjem aktar l-infrastruttura pubblika u soċjali kritika;*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Paul Tang**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ifakkar li l-IA tista' twassal għal preġudizzji u b'hekk għal diversi forom ta' diskriminazzjoni, bħas-sess, ir-razza, il-kulur, l-etniċità jew l-oriġini soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; ifakkar li jridu jiġu żgurati d-drittijiet ta' kulħadd u li dan il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jrid ikun fil-qalba tal-qafas etiku tal-Kummissjoni;*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jippreżenta riskji għad-drittijiet tal-bniedem – jiġifieri l-privatezza, il-protezzjoni tad-data, u l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni – u li fil-futur jista' joħloq riskji ulterjuri li għadhom mhumiex magħrufa; jitlob li l-prinċipju ta' prekawzjoni jkun fil-qalba kemm tal-oqfsa etiċi kif ukoll ta' dawk legali għall-IA;*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u b'diżinn" li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Clare Daly, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier, Mick Wallace**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u b'diżinn" li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati; | 2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u b'disinn" li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati; ***jenfasizza li l-istandards Ewropej għall-IA jridu jkunu bbażati fuq il-prinċipji tal-etika diġitali, id-dinjità tal-bniedem, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà; jisħaq fuq l-importanza li jittieħed vantaġġ mill-potenzjal tal-UE għall-ħolqien ta' infrastruttura b'saħħitha għal sistemi tal-IA li jkunu msejsa fuq standards għoljin ta' data u fuq ir-rispett għall-bnedmin; jenfasizza li għandhom ikunu l-valutazzjonijiet tar-riskju speċifiċi, u mhux kriterji wiesgħa orjentati lejn is-settur, li jiddeterminaw il-livell ta' riskju ta' xi sistema tal-IA; jappella għall-introduzzjoni ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***valutazzjoni tal-impatt obbligatorja tad-drittijiet tal-bniedem fit-tfassil u l-iżvilupp kontinwu ta' kull sistema tal-IA, inkluża evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet soċjetali tas-sistema u r-riskji imposti minnha, u deskrizzjoni ġenerali tal-azzjonijiet meħtieġa biex jitnaqqsu dawn ir-riskji;*** |

Or. en

**Emenda 37**
**Kris Peeters, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Roberta Metsola, Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u ***b'diżinn"*** li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati; | 2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u ***b'disinn"*** li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati; ***jappella, f'dan ir-rigward, għal mudell ta' governanza ċar u koerenti li jippermetti lill-kumpaniji jiżviluppaw aktar l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;*** |

Or. en

**Emenda 38**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u ***b'diżinn"*** li ***jirrispetta*** bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t- | 2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ***legali*** ta' "etika b'mod awtomatiku u ***b'disinn" li jiżgura li, kwalunkwe IA*** li ***tibda topera, tirrispetta*** bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt |

| | |
|---|---|
| Trattati; | tal-Unjoni u t-Trattati; ***iqis li dan huwa konformi mal-prinċipju ta' prekawzjoni li jiggwida l-leġiżlazzjoni tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Katarina Barley, Marina Kaljurand, Sylvie Guillaume, Birgit Sippel, Tudor Ciuhodaru, Paul Tang, Petar Vitanov, Elena Yoncheva**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u ***b'diżinn"*** li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati; | 2. ***Jenfasizza l-asimmetrija tal-poter bejn dawk li jħaddmu t-teknoloġiji tal-IA u dawk li jinteraġixxu magħhom u huma soġġetti għalihom; f'dan il-kuntest jenfasizza*** l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u ***b'disinn"*** li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati; |

Or. en

**Emenda 40**
**Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u ***b'diżinn"*** li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati; | 2. Jenfasizza l-importanza li jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u ***b'disinn"*** li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati***, imma li fl-istess ħin jagħti biżżejjed spazju lin-negozji u l-innovaturi biex ikomplu jiżviluppaw teknoloġiji ġodda bbażati fuq l-IA***; |

Or. en

**Emenda 41**
**Juan Ignacio Zoido Álvarez, Javier Zarzalejos**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jenfasizza ***l-importanza*** li ***jiġi żviluppat qafas ta' "etika b'mod awtomatiku u b'diżinn"*** li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati; | 2. Jenfasizza li ***l-fiduċja taċ-ċittadini fl-IA tista' tinbena biss fuq qafas etiku*** li jirrispetta bis-sħiħ il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt tal-Unjoni u t-Trattati; |

Or. en

**Emenda 42**
**Juan Ignacio Zoido Álvarez, Javier Zarzalejos**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jippromwovu l-għarfien pubbliku dwar ir-riskji u l-opportunitajiet tal-użu tal-IA bħala rekwiżit etiku.*** |

Or. en

**Emenda 43**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iqis li l-qafas ġuridiku tal-Unjoni se | 3. Iqis li l-qafas ġuridiku tal-Unjoni**,** |

| | |
|---|---|
| jeħtieġ li jiġi aġġornat ***bi prinċipji etiċi ta' gwida***; ***jirrimarka*** li***, fejn ikun prematur li jiġu adottati atti legali, għandu jintuża qafas legali mhux*** vinkolanti; | ***inkluż l-acquis tal-liġi tal-konsumaturi, is-sikurezza tal-prodotti u l-leġiżlazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq, kif ukoll il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni,*** se jeħtieġ li jiġi aġġornat ***biex jindirizza b'mod effettiv ir-riskji maħluqa mill-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati***; ***iqis*** li ***l-gwida etika tikkostitwixxi punt ta' tluq tajjeb iżda trid tkun riflessa fi strumenti leġiżlattivi*** vinkolanti ***sabiex jiġi żgurat li n-negozji jaġixxu b'mod ġust u biex tiġi ggarantita b'mod effettiv il-protezzjoni tal-individwi***; |

Or. en

**Emenda 44**
**Katarina Barley, Marina Kaljurand, Sylvie Guillaume, Birgit Sippel, Tudor Ciuhodaru, Paul Tang, Petar Vitanov, Elena Yoncheva**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iqis li l-qafas ***ġuridiku*** tal-Unjoni ***se jeħtieġ li jiġi aġġornat bi prinċipji etiċi ta'*** gwida; jirrimarka li, fejn ikun prematur li jiġu adottati atti legali, għandu jintuża qafas legali mhux vinkolanti; | 3. Iqis li l-qafas ***leġiżlattiv attwali*** tal-Unjoni ***dwar il-protezzjoni tal-privatezza u d-data personali japplika bis-sħiħ għall-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, madankollu jista' jibbenefika jekk jiġi ssupplimentat b'linji*** gwida ***etiċi robusti***; jirrimarka li, fejn ikun prematur li jiġu adottati atti legali, għandu jintuża qafas legali mhux vinkolanti; |

Or. en

**Emenda 45**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iqis li l-qafas ġuridiku tal-Unjoni ***se*** jeħtieġ li jiġi ***aġġornat*** bi prinċipji etiċi ta' gwida; ***jirrimarka li, fejn ikun prematur li jiġu adottati atti legali, għandu jintuża qafas legali mhux vinkolanti;*** | 3. Iqis li l-qafas ġuridiku tal-Unjoni ***jista'*** jeħtieġ li jiġi ***komplementat*** bi prinċipji etiċi ta' gwida; |

Or. en

**Emenda 46**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iqis li l-qafas ġuridiku tal-Unjoni se jeħtieġ li ***jiġi*** aġġornat bi prinċipji etiċi ta' gwida; jirrimarka li, fejn ikun prematur li jiġu adottati atti legali, għandu jintuża qafas legali mhux vinkolanti; | 3. Iqis li l-qafas ġuridiku tal-Unjoni se jeħtieġ li ***jkun flessibbli, validu għall-futur u kontinwament*** aġġornat bi prinċipji etiċi ta' gwida; jirrimarka li, fejn ikun prematur li jiġu adottati atti legali, għandu jintuża qafas legali mhux vinkolanti; |

Or. en

**Emenda 47**
**Andor Deli**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Iqis li l-qafas ġuridiku tal-Unjoni se jeħtieġ li jiġi aġġornat bi prinċipji etiċi ta' gwida; jirrimarka li, fejn ikun prematur li jiġu adottati atti legali, għandu jintuża qafas legali mhux vinkolanti; | 3. Iqis li l-qafas ġuridiku tal-Unjoni se jeħtieġ li jiġi ***rivedut u*** aġġornat bi prinċipji etiċi ta' gwida; jirrimarka li, fejn ikun prematur li jiġu adottati atti legali, għandu jintuża qafas legali mhux vinkolanti; |

Or. en

**Emenda 48**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ifakkar li n-nuqqas ta' trasparenza tas-sistemi tal-IA jagħmilha diffiċli biex jiġi identifikat u ppruvat ksur possibbli tal-liġijiet, inklużi d-dispożizzjonijiet legali li jipproteġu d-drittijiet fundamentali; jemmen li huma meħtieġa b'mod urġenti eżami ta' kif l-oqfsa tad-drittijiet tal-bniedem tal-Unjoni u l-obbligi li jirriżultaw minnhom jistgħu jipproteġu liċ-ċittadini fil-kuntest tal-użu mifrux tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, u linji gwida dwar kif l-istess oqfsa jagħmlu dan; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi vvalutat jekk il-qafas tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE jeħtiġx li jiġi aġġornat biex jilqa' l-isfida tad-drittijiet minn dawn it-teknoloġiji kumplessi u emerġenti;*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Roberta Metsola, Javier Zarzalejos, Kris Peeters**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jistenna li l-Kummissjoni tintegra qafas etiku b'saħħtu fil-proposta leġiżlattiva li jmiss bħala segwitu għall-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż dwar is-sikurezza, ir-responsabbiltà, id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data, li timmassimizza l-opportunitajiet u timminimizza r-riskji tat-teknoloġiji tal-IA;*** |

Or. en

**Emenda 50**
**Kris Peeters, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Roberta Metsola, Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-iżvilupp ta' qafas ta' kriterji u indikaturi għat-tikketti tat-teknoloġija tal-IA, li fih l-iżviluppaturi jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod volontarju, sabiex jiġu stimulati l-komprensibbiltà, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-inċentivi ta' prekawzjonijiet addizzjonali mill-iżviluppaturi;*** |

Or. en

**Emenda 51**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi vvalutat kif regoli eżistenti tal-UE, b'mod partikolari regoli dwar il-protezzjoni tad-data, japplikaw għall-IA u kif jista' jiġi żgurat l-infurzar xieraq ta' dawn ir-regoli f'dan il-qasam; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jidentifikaw u jieħdu kwalunkwe miżura possibbli biex jimminimizzaw id-diskriminazzjoni u l-preġudizzju algoritmiċi u jiżviluppaw qafas etiku b'saħħtu u komuni għall-ipproċessar trasparenti ta' data personali u t-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jista' jiggwida l-użu tad-data u l-infurzar kontinwu tal-liġi tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Roberta Metsola, Javier Zarzalejos**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jistenna li l-proposta leġiżlattiva li jmiss se tinkludi soluzzjonijiet ta' politika għar-riskji ewlenin rikonoxxuti tal-Intelliġenza Artifiċjali inkluż, fost l-oħrajn, dwar il-ġbir etiku u l-użu tal-Big Data, il-kwistjoni tat-trasparenza algoritmika u tal-preġudizzju algoritmiku;*** |

Or. en

**Emenda 53**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Jenfasizza li s-settijiet tad-data u s-sistemi algoritmiċi użati meta jsiru klassifikazzjonijiet, valutazzjonijiet u previżjonijiet fl-istadji differenti tal-ipproċessar tad-data fl-iżvilupp tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jistgħu jirriżultaw mhux biss fi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-individwi, iżda wkoll fi trattament differenti ta' gruppi ta' persuni b'karatteristiċi simili u diskriminazzjoni indiretta kontrihom; jappella għal eżami rigoruż tal-politiki u l-konsegwenzi tal-IA, inkluża attenzjoni mill-qrib għall-prattiki*** |

***u d-danni ta' klassifikazzjoni tal-IA; jenfasizza li huwa meħtieġ li l-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati etiċi jużaw id-dixxiplini mhux tekniċi taċ-ċentru tal-qasam li l-ħidma tagħhom tradizzjonalment teżamina kwistjonijiet bħal dawn, inklużi studji xjentifiċi u teknoloġiċi, studji ta' razez kritiċi, studji dwar id-diżabbiltà, u dixxiplini oħra adattati għall-kuntest soċjali, inkluż kif inhi mibnija d-differenza, ix-xogħol ta' klassifikazzjoni, u l-konsegwenzi tagħha; jenfasizza l-ħtieġa, għalhekk, li jsir investiment b'mod sistematiku u immedjat biex dawn id-dixxiplini jiġu integrati fl-istudju u r-riċerka dwar l-IA fil-livelli kollha;***

Or. en

**Emenda 54**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3d. Jinnota li l-qasam tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati huwa ferm omoġenu u nieqes mid-diversità; jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi żgurat li t-timijiet li jfasslu, jiżviluppaw, jittestjaw, iżommu, ivaraw u jakkwistaw dawn is-sistemi jirriflettu d-diversità tal-użi tagħha u tas-soċjetà b'mod ġenerali sabiex jiġi żgurat li l-preġudizzju ma jkunx inkonxjament "mibni" għal dawn it-teknoloġiji;*** |

Or. en

**Emenda 55**
**Roberta Metsola, Javier Zarzalejos**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni transfruntiera effettiva u standards etiċi jistgħu jinkisbu biss jekk il-partijiet interessati kollha jfittxu li jiżguraw azzjoni mill-bniedem u sorveljanza umana, u jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti ta' privatezza u ***governanza*** tad-data, trasparenza u responsabbiltà; | 4. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni transfruntiera effettiva u standards etiċi jistgħu jinkisbu biss jekk il-partijiet interessati kollha jfittxu li jiżguraw azzjoni mill-bniedem u sorveljanza umana, u jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti ta' privatezza***, governanza tad-data*** u ***protezzjoni*** tad-data ***– speċifikament dawk minquxa fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (GDPR)***, trasparenza u responsabbiltà; |

Or. en

**Emenda 56**
**Kris Peeters**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni transfruntiera effettiva u standards etiċi jistgħu jinkisbu biss jekk il-partijiet interessati kollha ***jfittxu*** li jiżguraw azzjoni mill-bniedem u sorveljanza umana, u ***jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti ta'*** privatezza u governanza tad-data, trasparenza u responsabbiltà; | 4. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni transfruntiera effettiva u standards etiċi jistgħu jinkisbu biss jekk il-partijiet interessati kollha ***jikkommettu ruħhom*** li jiżguraw azzjoni mill-bniedem u sorveljanza umana, ***robustezza*** u ***sikurezza tekniċi,*** privatezza u governanza tad-data, trasparenza***, nondiskriminazzjoni, benesseri soċjali u ambjentali*** u responsabbiltà; |

Or. en

**Emenda 57**
**Andor Deli**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni transfruntiera effettiva u standards etiċi jistgħu jinkisbu biss jekk il-partijiet interessati kollha jfittxu li jiżguraw azzjoni mill-bniedem u sorveljanza umana, u jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti ta' privatezza u governanza tad-data, trasparenza ***u*** responsabbiltà; | 4. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni transfruntiera effettiva u standards etiċi jistgħu jinkisbu biss jekk il-partijiet interessati kollha jfittxu li jiżguraw azzjoni mill-bniedem u sorveljanza umana, u jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti ta' privatezza u governanza tad-data, trasparenza***,*** responsabbiltà ***u ċertezza legali***; |

Or. en

**Emenda 58**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni transfruntiera effettiva u standards etiċi jistgħu jinkisbu biss jekk il-partijiet interessati kollha jfittxu li jiżguraw azzjoni mill-bniedem ***u*** sorveljanza ***umana***, u jirrispettaw il-prinċipji ***stabbiliti ta' privatezza*** u ***governanza tad-data, trasparenza*** u ***responsabbiltà***; | 4. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni transfruntiera effettiva u standards etiċi jistgħu jinkisbu biss jekk il-partijiet interessati kollha jfittxu li jiżguraw azzjoni mill-bniedem***,*** sorveljanza***, fehim***, u ***kontroll f'kull ħin,*** u jirrispettaw il-prinċipji ***legali*** u ***etiċi tal-Unjoni stabbiliti***; |

Or. en

**Emenda 59**
**Kris Peeters, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Roberta Metsola, Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Iwissi li preġudizzju possibbli*** |

| | |
|---|---|
| | ***f'applikazzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali jista' jwassal għal diskriminazzjoni awtomatizzata, li għandha tiġi evitata permezz ta' regoli dwar id-disinn u l-applikazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 60**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jappella għal approċċ orizzontali, li jinkludi standards teknoloġikament newtrali li japplikaw għas-setturi kollha li fihom tista' tintuża l-intelliġenza artifiċjali; jistieden lill-Unjoni tippromwovi ***kooperazzjoni b'saħħitha*** u ***trasparenti*** u ***kondiviżjoni tal-għarfien bejn is-setturi*** pubbliċi u ***privati*** biex ***jinħolqu l-aħjar prattiki***; | 5. Jappella għal approċċ orizzontali, li jinkludi standards teknoloġikament newtrali li japplikaw għas-setturi kollha li fihom tista' tintuża l-intelliġenza artifiċjali; jistieden lill-Unjoni tippromwovi ***dibattitu dwar kif l-aħjar li s-setturi pubbliċi*** u ***privati jistgħu jikkooperaw*** u ***jaqsmu l-għarfien biex joħolqu l-aħjar prattiki; ifakkar li teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali ma jkunux jeżistu mingħajr settijiet ta' data ta' taħriġ popolati b'data miġbura minn ċittadini u minn sorsi pubbliċi, u jitlob li l-Unjoni tesplora b'mod urġenti mekkaniżmi biex settijiet ta' data miżmuma privatament isiru disponibbli b'mod pubbliku u liberu, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data;*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Kris Peeters, Roberta Metsola, Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jappella għal approċċ orizzontali, li jinkludi standards teknoloġikament newtrali li japplikaw għas-setturi kollha li fihom tista' tintuża ***l-intelliġenza*** artifiċjali; jistieden lill-Unjoni tippromwovi kooperazzjoni b'saħħitha u trasparenti u kondiviżjoni tal-għarfien bejn is-setturi pubbliċi u privati biex jinħolqu l-aħjar prattiki; | 5. Jappella għal approċċ orizzontali ***u orjentat għall-futur***, li jinkludi standards teknoloġikament newtrali li japplikaw għas-setturi kollha li fihom tista' tintuża ***l-IA, ikkomplementat minn approċċ vertikali bi standards speċifiċi għas-setturi fejn ikun xieraq; jemmen bis-sħiħ li għandu jiġi applikat qafas etiku għal kull min ikun beħsiebu jiżviluppa jew jopera applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali fl-UE; jiffavorixxi approċċ vinkolanti fl-UE kollha biex tiġi evitata l-frammentazzjoni***; jistieden lill-Unjoni tippromwovi kooperazzjoni b'saħħitha u trasparenti u kondiviżjoni tal-għarfien bejn is-setturi pubbliċi u privati biex jinħolqu l-aħjar prattiki; |

Or. en

**Emenda 62**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jappella għal approċċ orizzontali, li jinkludi standards teknoloġikament newtrali li japplikaw għas-setturi kollha li fihom tista' tintuża l-intelliġenza artifiċjali; jistieden lill-Unjoni tippromwovi kooperazzjoni b'saħħitha u trasparenti u kondiviżjoni tal-għarfien bejn ***is-setturi pubbliċi*** u ***privati*** biex ***jinħolqu l-aħjar prattiki***; | 5. Jappella għal approċċ orizzontali, li jinkludi standards teknoloġikament newtrali li japplikaw għas-setturi kollha li fihom tista' tintuża l-intelliġenza artifiċjali; jistieden lill-Unjoni tippromwovi kooperazzjoni b'saħħitha u trasparenti u kondiviżjoni tal-għarfien bejn ***l-atturi tas-settur pubbliku*** u ***dak privat, inklużi r-riċerka u l-iżvilupp, is-soċjetà ċivili u esperti individwali, u tħeġġeġ l-iżvilupp u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari*** biex ***tiġi ffaċilitata t-tneħħija tal-bażijiet tad-data, u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fl-intelliġenza artifiċjali u s-sistemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***awtomatizzati***; |

Or. en

**Emenda 63**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jappella għal approċċ ***orizzontali***, ***li jinkludi*** standards teknoloġikament newtrali li japplikaw ***għas-setturi kollha*** li fihom ***tista' tintuża l-intelliġenza artifiċjali***; jistieden lill-Unjoni tippromwovi kooperazzjoni ***b'saħħitha u trasparenti*** u kondiviżjoni tal-għarfien bejn is-setturi pubbliċi u privati biex jinħolqu l-aħjar prattiki; | 5. Jappella għal approċċ ***differenzjat ibbażat fuq ir-riskju li jirregola l-intelliġenza artifiċjali***, ***ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi*** standards ***etiċi*** teknoloġikament newtrali li japplikaw ***għal teknoloġiji b'riskju għoli u għal setturi*** li fihom ***l-użu tal-IA jista' jhedded id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali***; jistieden lill-Unjoni tippromwovi kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien bejn is-setturi pubbliċi u privati biex jinħolqu l-aħjar prattiki ***u jiġu kontinwament identifikati l-applikazzjonijiet tal-IA b'riskju għoli***; |

Or. en

**Emenda 64**
**Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jappella għal approċċ orizzontali, li jinkludi standards teknoloġikament newtrali li japplikaw għas-setturi kollha li fihom tista' tintuża l-intelliġenza artifiċjali; jistieden lill-Unjoni tippromwovi kooperazzjoni b'saħħitha u trasparenti u kondiviżjoni tal-għarfien bejn is-setturi pubbliċi u privati biex jinħolqu l-aħjar | 5. Jappella għal approċċ orizzontali ***u orjentat lejn il-futur***, li jinkludi standards teknoloġikament newtrali li japplikaw għas-setturi kollha li fihom tista' tintuża l-intelliġenza artifiċjali; jistieden lill-Unjoni tippromwovi kooperazzjoni b'saħħitha u trasparenti u kondiviżjoni tal-għarfien bejn is-setturi pubbliċi u privati biex jinħolqu l- |

| | |
|---|---|
| prattiki; | aħjar prattiki; |

Or. en

**Emenda 65**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jitlob li jiġu stabbiliti regoli vinkolanti għall-kumpaniji biex jippubblikaw rapporti ta' trasparenza li jinkludu l-eżistenza, il-funzjonalità, il-proċess, il-kriterji ewlenin, il-loġika wara s-settijiet ta' data użati u l-eżitu possibbli ta' sistemi algoritmiċi u sforzi biex tiġi identifikata, evitata u mitigata d-diskriminazzjoni fl-intelliġenza artifiċjali u s-sistemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati b'mod li jkun f'waqtu, imparzjali, li jista' jinqara faċilment u aċċessibbli;*** |

Or. en

**Emenda 66**
**Katarina Barley, Sylvie Guillaume, Tudor Ciuhodaru, Paul Tang, Petar Vitanov, Miriam Dalli, Elena Yoncheva**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jippromwovi Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali, li tiżgura koordinazzjoni Ewropea ta' standards u regolamenti tal-IA; din l-aġenzija ċentralizzata tiżviluppa kriterji komuni għal ċertifikat Ewropew ta' konformità etika, li jqis ukoll id-data użata għal*** |

| | |
|---|---|
| | ***proċessi algoritmiċi;*** |

Or. en

**Emenda 67**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jirrakkomanda li, meta jitqiesu l-konsegwenzi serji tad-drittijiet fundamentali b'ħafna sistemi tal-IA, is-sistemi kollha b'riskju potenzjali għoli u medju, u speċjalment dawk li potenzjalment joperaw f'kuntesti sensittivi, iridu jgħaddu minn valutazzjonijiet tal-impatt u tar-riskji ex ante obbligatorji dwar id-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu evalwazzjoni tal-implikazzjonijiet kollettivi, soċjetali u ta' governanza istituzzjonali li jkollha s-sistema, u li jiddeskrivu passi adegwati għall-mitigazzjoni tagħhom; dan l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għandu jsegwi regoli trasparenti biex jistabbilixxi ċ-ċertezza legali;*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Katarina Barley, Marina Kaljurand, Sylvie Guillaume, Tudor Ciuhodaru, Paul Tang, Petar Vitanov, Elena Yoncheva**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jippromwovi r-Responsabbiltà Diġitali Korporattiva fuq bażi volontarja; l-UE għandha tappoġġja l-korporazzjonijiet li fuq għażla tagħhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***jużaw etikament it-teknoloġiji diġitali u l-IA fil-kumpaniji tagħhom; l-UE għandha tħeġġeġ lill-korporazzjonijiet isiru proattivi billi jistabbilixxu pjattaforma għall-kumpaniji biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mad-diġitalizzazzjoni etika, kif ukoll jikkoordinaw l-azzjonijiet u l-istrateġiji tal-kumpaniji parteċipanti;*** |

Or. en

**Emenda 69**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Jenfasizza li r-regolamentazzjoni futura dwar l-intelliġenza artifiċjali għandha ssegwi approċċ differenzjat ibbażat fuq ir-riskji, abbażi tal-ħsara potenzjali għall-individwu kif ukoll għas-soċjetà inġenerali, determinat minn valutazzjonijiet tal-impatt ex ante dwar id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jitqies il-kuntest tal-użu speċifiku tas-sistema tal-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll l-opaċità preżunta tat-teħid tad-deċiżjonijiet; l-obbligi legali għandhom jiżdiedu gradwalment mal-livell ta' riskju identifikat; fil-kategorija tar-riskju l-aktar baxx, m'għandu jkun hemm ebda obbligu legali speċjali li jmur lil hinn minn dawk diġà stabbiliti; sistemi algoritmiċi li jistgħu jikkawżaw ħsara materjali jew immaterjali lil individwu, jiksru d-drittijiet u l-libertajiet, jaffettwaw l-aċċess ta' individwu għar-riżorsi, jew ikollhom impatt negattiv fuq il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà, inkluż b'diskriminazzjoni awtomatizzata, m'għandhomx jitqiesu li jkunu fil-kategorija tar-riskju l-aktar baxx; jirrikonoxxi li, għal xi sistemi tal-IA, is-salvagwardji biex jittaffa l-preġudizzju*** |

***mhumiex se jkunu suffiċjenti u li l-użu ta' ċerti sistemi għal skopijiet partikolari se jipperpetwa b'mod neċessarju u jżid l-inugwaljanzi eżistenti, b'mod li jiġu kompromessi d-drittijiet fundamentali għall-gruppi emarġinati; iqis li sistemi bħal dawn għandhom jiġu pprojbiti;***

Or. en

**Emenda 70**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Jinnota li huwa essenzjali li d-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju, id-dokumentazzjoni tas-software, l-algoritmi u s-settijiet ta' data użati jkunu kompletament aċċessibbli għal analiżi indipendenti; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' inġinerija inversa legali;*** |

Or. en

**Emenda 71**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5e (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5e. Jitlob li l-iżviluppaturi u l-fornituri jkunu meħtieġa jipprevedu d-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-użu u l-istruzzjonijiet tad-disinn, inklużi l-kodiċi tas-sors, l-għodod tal-iżvilupp u d-data użati mis-sistema, biex ikunu faċilment aċċessibbli permezz ta' depożitu legali obbligatorju, fejn valutazzjoni tar-riskju tindika li jkun meħtieġ li jiġu protetti d-*** |

***drittijiet u l-interessi fundamentali; jirrakkomanda li għal apparat mediku ta' importanza vitali u avvanzat, entitajiet ta' fiduċja indipendenti jżommu l-mezzi meħtieġa biex jipprovdu servizzi, pereżempju lil persuni li jġorru dawn l-apparati, bħal manutenzjoni, tiswijiet u titjib, inklużi aġġornamenti tas-software, speċjalment fil-każ fejn tali servizzi ma jkunux għadhom qed jitwettqu mill-fornitur oriġinali, biex jiġu ppreservati d-dinjità tal-bniedem, l-awtonomija, u l-awtodeterminazzjoni tal-individwu;***

Or. en

**Emenda 72**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-protezzjoni tan-netwerks tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika interkonnessi għandha tipprevjeni l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; | 6. Jenfasizza li l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jridu jsegwu approċċ ta' sigurtà sa mit-tfassil mill-aktar avvanzata biex tiġi minimizzata l-vulnerabbiltà għall-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; ***jenfasizza r-rwol importanti li għandhom is-soluzzjonijiet ta' sigurtà f'waqthom u l-aġġornamenti tas-software f'dan ir-rigward; jirrakkomanda li meta tali aġġornamenti ma jibqgħux jiġu pprovduti mill-fornitur oriġinali, u meta valutazzjoni tar-riskju tkun tindika dan, il-fornituri għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu d-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-użu u l-istruzzjonijiet tad-disinn, inklużi l-kodiċi tas-sors, l-għodod tal-iżvilupp u d-data użata mis-sistema, biex ikunu faċilment aċċessibbli permezz ta' depożitu legali obbligatorju;*** |

Or. en

**Emenda 73**
**Roberta Metsola, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Javier Zarzalejos**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-protezzjoni ***tan-netwerks*** tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika interkonnessi għandha tipprevjeni l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; | 6. Jenfasizza li l-protezzjoni ***tan-networks*** tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika interkonnessi għandha tipprevjeni l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali ***u li dan se jirrikjedi li l-aġenziji, il-korpi u l-istituzzjonijiet rilevanti kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali jaħdmu f'kooperazzjoni mal-utenti finali ta' dawn it-teknoloġiji***; |

Or. en

**Emenda 74**
**Beata Kempa**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-protezzjoni ***tan-netwerks*** tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika interkonnessi għandha tipprevjeni l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; | 6. Jenfasizza li l-protezzjoni ***tan-networks*** tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika interkonnessi għandha tipprevjeni l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; ***jenfasizza li l-IA u t-teknoloġiji assoċjati għandhom dejjem jintużaw taħt superviżjoni umana;*** |

Or. pl

**Emenda 75**
**Kris Peeters, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Roberta Metsola, Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-protezzjoni ***tan-netwerks tal-intelliġenza artifiċjali*** u tar-robotika interkonnessi ***għandha*** tipprevjeni l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; | 6. Jenfasizza li l-protezzjoni ***tan-networks tal-IA*** u tar-robotika interkonnessi ***trid*** tipprevjeni l-ksur tas-sigurtà, ***il-ħruġ illeċitu ta' data, "data poisoning",*** l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; ***jemmen li dan se jirrikjedi kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-awtoritajiet nazzjonali u tal-UE;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Katarina Barley, Marina Kaljurand, Sylvie Guillaume, Tudor Ciuhodaru, Paul Tang, Petar Vitanov, Miriam Dalli, Elena Yoncheva**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li l-protezzjoni ***tan-netwerks*** tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika interkonnessi ***għandha tipprevjeni*** l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; | 6. Jenfasizza li l-protezzjoni ***tan-networks*** tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika interkonnessi ***hija importanti, u jridu jittieħdu miżuri b'saħħithom li jipprevjenu*** l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; |

Or. en

**Emenda 77**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jenfasizza li ***l-protezzjoni tan-netwerks*** tal-intelliġenza artifiċjali u tar- | 6. Jenfasizza li ***l-iżvilupp*** tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika |

| | |
|---|---|
| robotika ***interkonnessi għandha tipprevjeni*** l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; | ***għandu jipprevjeni*** l-ksur tas-sigurtà, l-attakki ċibernetiċi u l-użu ħażin tad-data personali; |

Or. en

**Emenda 78**
**Katarina Barley, Marina Kaljurand, Sylvie Guillaume, Birgit Sippel, Tudor Ciuhodaru, Paul Tang, Petar Vitanov, Elena Yoncheva**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jappella għal valutazzjoni tar-riskju komprensiva tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt ipprovduta mill-Artikolu 35 tal-GDPR (l-Artikolu 27 tad-Direttiva (UE) 2016/680 u l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2018/1725); aktar ma jkollu impatt algoritmu, aktar ikunu meħtieġa t-trasparenza, il-kapaċità ta' awditjar, ir-responsabbiltà u r-regolamentazzjoni; meta deċiżjoni algoritmika twassal għal limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali, jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ valutazzjoni robusta ħafna; f'oqsma kritiċi ħafna – meta jiġu pperikolati direttament is-saħħa, il-libertà jew l-awtonomija umana – l-implimentazzjoni tal-IA għandha tkun ipprojbita;*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Roberta Metsola, Javier Zarzalejos**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jinnota f'dan ir-rigward id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ENISA u l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, b'mod partikolari r-rwol tal-ENISA fil-promozzjoni tal-kuxjenza pubblika u l-kampanji edukattivi diretti lejn l-utenti aħħarin inkluż dwar it-theddid ċibernetiku potenzjali u l-attivitajiet kriminali online, u fil-promozzjoni ta' miżuri essenzjali ta' protezzjoni tad-data; jirrikonoxxi l-valur miżjud ta' din l-aġenzija tal-UE f'dan ir-rigward;*** |

Or. en

**Emenda 80**
**Juan Ignacio Zoido Álvarez, Javier Zarzalejos**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jenfasizza li l-użu malizzjuż tal-IA jista' jkun ta' riskju għall-valuri tad-demokraziji tagħna u għad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas li jippenalizza lil dawk li, bl-użu ta' din it-teknoloġija, ifixklu l-perċezzjoni tar-realtà permezz ta' kampanji ta' diżinformazzjoni, jew li jipprovokaw attakki ċibernetiċi sabiex jiksru ċ-ċibersigurtà diġitali.*** |

Or. en

**Emenda 81**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Josserva li l-produzzjoni u l-użu tad-data li jirriżultaw mill-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, qed jiżdiedu b'mod rapidu, u b'hekk jissottolinjaw il-ħtieġa li jiġu rispettati u infurzati d-drittijiet taċ-ċittadini għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 82**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jirrimarka li l-possibbiltà pprovduta minn dawn it-teknoloġiji biex tintuża data personali u mhux personali għall-kategorizzazzjoni u l-mira fuq livell mikro tal-persuni, għall-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet tal-individwi, jew għall-isfruttament ta' għarfien predittiv preċiż, trid tiġi kontrobilanċjata minn prinċipji infurzati b'mod effettiv dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza bħall-minimizzazzjoni tad-data, id-dritt li ssir oġġezzjoni għat-tfassil ta' profili u li wieħed ikollu kontroll fuq id-data tiegħu, id-dritt li tinkiseb spjegazzjoni dwar deċiżjoni bbażata fuq l-ipproċessar awtomatizzat u l-privatezza mid-disinn, kif ukoll dawk tal-proporzjonalità, in-neċessità u l-limitazzjoni bbażati fuq skop strettament identifikat; jirrimarka li filwaqt li ċerti mudelli ta' policing predittiv huma aktar favur il-privatezza*** |

| | |
|---|---|
| | ***minn oħrajn, bħal meta jsiru previżjonijiet probabilistiċi dwar postijiet jew avvenimenti u mhux dwar persuni individwali, sistemi ta' policing predittiv urew li jżidu l-indħil żejjed tal-pulizija fuq il-bażi ta' preġudizzji eżistenti bħat-tfassil ta' profili razzjali, jew fl-isfondi tal-migranti u tal-klassi tal-ħaddiema anke fejn dan ma jikkorrispondix għal livelli ta' kriminalità attwali;*** |

Or. en

**Emenda 83**
**Juan Ignacio Zoido Álvarez, Javier Zarzalejos**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jipprovdu lill-aġenziji kollha tal-Unjoni Ewropea b'qafas regolatorju fl-użu tat-teknoloġija tal-IA li, meta jseħħ ksur tas-sigurtà u użu ħażin tad-data personali, jippermettilhom li jkollhom kooperazzjoni robusta u effettiva mas-setturi pubbliċi u privati għall-protezzjoni taċ-ċittadini.*** |

Or. en

**Emenda 84**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6c. Ifakkar lill-atturi kollha tal-infurzar tal-liġi li jużaw l-ipproċessar tad-data u l-IA li d-Direttiva (UE) 2016/680 tirregola l-ipproċessar tad-data personali*** |

***mill-Istati Membri għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi; jitlob li l-ġbir u l-ipproċessar ta' data personali għal finijiet ta' infurzar tal-liġi jridu dejjem ikunu adegwati, rilevanti u mhux eċċessivi meta mqabbla mal-iskopijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi li għalihom tkun qed tiġi pproċessata; jiddikjara li l-iskop għall-ġbir ta' din id-data u l-ħtieġa għal dan il-ġbir għandhom ikunu ppruvati b'mod ċar; jiddikjara li kwalunkwe deċiżjoni bbażata biss fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, li toħloq effett legali negattiv fuq is-suġġett tad-data jew taffettwah/a b'mod sinifikanti, hija pprojbita, sakemm ma tkunx awtorizzata mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi tal-Istat Membru li jkun suġġett għaliha l-kontrollur u tipprovdi salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data, tal-anqas id-dritt li jkun hemm intervent uman min-naħa tal-kontrolluri; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lil awtoritajiet superviżorji indipendenti oħra joħorġu linji gwida, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki sabiex jispeċifikaw aktar il-kriterji u l-kundizzjonijiet għal deċiżjonijiet ibbażati fuq it-tfassil ta' profili u l-użu tal-IA għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi;***

Or. en

**Emenda 85**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6d. Jenfasizza l-importanza tal-konformità mad-Direttiva (UE) 2016/680 għal dak li jirrigwarda t-twettiq minn qabel ta' valutazzjonijiet tal-impatt u*** |

***awditi li jqisu l-preokkupazzjonijiet etiċi sabiex jiġu vvalutati l-inklużività, il-preċiżjoni u l-kwalità tad-data, u li jkun żgurat li l-individwi fil-mira tad-deċiżjonijiet u/jew l-atturi involuti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet ikollhom il-possibbiltà jifhmu u jikkontestaw il-ġbir jew l-analiżi, ix-xejriet u l-korrelazzjonijiet u jiġi evitat kwalunkwe effett ta' ħsara fuq ċerti gruppi ta' individwi;***

Or. en

**Emenda 86**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6e (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6e. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni turi li tkun irrevediet, ivvalutat u aġġustat b'mod ċar il-pjan koordinat tagħha dwar l-IA sabiex jiġu indirizzati l-implikazzjonijiet severi għad-drittijiet fundamentali tal-Intelliġenza Artifiċjali, u tispjega kif riskji bħal dawn se jiġu mmitigati fl-approċċ leġiżlattiv tal-UE u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri;*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 7. ***Jinnota*** li ***t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali*** u ***tar-robotika*** fil- | 7. ***Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali, it-teħid ta' deċiżjonijiet*** |

qasam tal-infurzar tal-liġi u ***tal-kontroll*** tal-fruntieri ***jistgħu jtejbu s-sikurezza*** u ***s-sigurtà pubblika***; jenfasizza li ***l-użu tagħha għandu jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità*** u ***tan-neċessità***;

***awtomatizzati u t-teknoloġiji relatati għal skopijiet ta' sorveljanza tal-massa, inkluż l-użu ta' teknoloġiji bijometriċi, minn atturi pubbliċi u privati fi spazji pubblikament aċċessibbli, huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni eżistenti u mad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni, lil istituzzjonijiet oħra tal-UE, u lill-Istati Membri jipprojbixxuhom fil-liġi u fil-prattika; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tipproponi projbizzjoni fuq l-użu tal-IA biex jiġi determinat biss l-aċċess għal beni pubbliċi jew servizzi essenzjali jew il-forniment tagħhom bħas-sigurtà soċjali, il-policing u l-kontroll tal-migrazzjoni; barra minn hekk, tipproponi projbizzjoni fuq l-użi tal-IA maħsuba biex jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw l-emozzjoni, il-burdata, l-imġiba, u karatteristiċi oħra sensittivi tal-identità, bħall-etniċità jew id-diżabbiltà, fl-għoti ta' servizzi essenzjali; jitlob ukoll li tiġi proposta projbizzjoni tas-sistemi ta' armi letali awtonomi u l-użu tal-IA għal użi oħra li jidentifikaw miri għal forza letali, bħal fil-liġi u l-infurzar tal-immigrazzjoni; u li tiġi proposta projbizzjoni fuq il-punteġġ bi skop ġenerali ta' residenti, inkluż punteġġ għaċ-ċittadin fuq skala kbira; jinnota li sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet*** fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u ***l-kontroll*** tal-fruntieri ***jridu jitwettqu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u b'rispett dovut lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità, l-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni tal-individwu,*** u ***d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta***; jenfasizza li ***l-kriterji u l-limiti għal tali sistemi għandhom ikunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju*** u ***għandhom jiġu sottomessi għal sorveljanza demokratika u dibattitu li jinvolvi lis-soċjetà ċivili; jenfasizza li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, bħall-kisba ta' pleġġ jew il-probation, li jiġu rilaxxati mill-ħabs matul pandemija, jitħallew jaqsmu fruntiera,***

***jiksbu l-asil jew il-protezzjoni internazzjonali, jew li jinstemgħu fil-qorti, qatt ma jridu jittieħdu minn sistemi ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, iżda dejjem jinvolvu valutazzjoni bis-sens u ġudizzju ta' bniedem, anke biex tingħata r-responsabbiltà***;

Or. en

**Emenda 88**
**Kris Peeters**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li ***t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali*** u ***tar-robotika*** fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika; jenfasizza li l-użu ***tagħha għandu*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità; | 7. Jinnota li ***l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika*** u ***t-teknoloġiji relatati*** fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika***, iżda madankollu għandhom ukoll riskji etiċi sinifikanti li jridu jiġu indirizzati b'mod adegwat***; jenfasizza***, għalhekk,*** li l-użu ***tagħhom irid*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità ***u jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet fundamentali; jappoġġa l-għan għal trasparenza massima, kemm fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju ta' applikazzjonijiet individwali, kif ukoll ħarsa ġenerali tal-użu tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontroll tal-fruntieri; jemmen li l-aġenziji tal-UE, speċjalment fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, għandhom ikunu ffinanzjati kif xieraq biex jirriċerkaw l-effikaċja ta' miżuri bħal dawn u għandhom ikunu mgħammra bl-aktar teknoloġiji reċenti;*** |

Or. en

**Emenda 89**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***Jinnota*** li ***t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali*** u tar-robotika fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u ***tal-kontroll*** tal-fruntieri ***jistgħu jtejbu s-sikurezza*** u ***s-sigurtà pubblika***; ***jenfasizza*** li l-użu ***tagħha għandu jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità*** u ***tan-neċessità***; | 7. ***Jemmen li ċerti użi tal-IA ma jistgħux, bħala tali, jitqiesu etiċi, u li hemm oqsma fejn kwalunkwe qafas legali u etiku ma jevitax ir-riskji ta' ksur tad-drittijiet fundamentali; ifakkar li l-użu tal-IA,*** tar-robotika ***u tat-teknoloġiji relatati*** fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u ***l-kontroll*** tal-fruntieri ***joħloq riskji estremament serji għad-drittijiet fundamentali; jitlob projbizzjoni kompluta tal-użu tal-IA, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati f'dan il-qasam; jitlob ukoll*** li ***jkun hemm projbizzjoni fuq*** l-użu ***tat-teknoloġija ta' rikonoxximent tal-wiċċ f'żoni pubbliċi*** u ***projbizzjoni fuq ir-rikonoxximent tal-emozzjonijiet permezz tal-intelliġenza artifiċjali fi kwalunkwe qasam***; |

Or. en

**Emenda 90**
**Roberta Metsola, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Javier Zarzalejos, Kris Peeters, Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika; jenfasizza li l-użu ***tagħha għandu*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità; | 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika; jenfasizza li l-użu ***tagħhom irid*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità; ***iqis li għandu jkun possibbli li l-aġenziji tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern ikunu*** |

| | |
|---|---|
| | ***mgħammra bl-aħħar teknoloġiji tal-IA u tar-robotika, speċjalment għall-iskopijiet tal-infurzar tal-liġi u l-kontroll tal-fruntieri, u li dan għandu jitqies fil-baġits annwali għall-aġenziji tal-ĠAI matul il-perjodu tal-QFP li jmiss (2021-2027);*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Katarina Barley, Marina Kaljurand, Sylvie Guillaume, Tudor Ciuhodaru, Paul Tang, Petar Vitanov, Miriam Dalli, Elena Yoncheva**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u ***tal-kontroll*** tal-fruntieri ***jistgħu jtejbu s-sikurezza*** u ***s-sigurtà pubblika***; jenfasizza li l-użu ***tagħha għandu jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità*** u ***tan-neċessità***; | 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika ***jintużaw dejjem aktar*** fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u ***l-kontroll*** tal-fruntieri***, spiss b'effetti negattivi fuq l-individwi fir-rigward tad-drittijiet tagħhom għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data*** u ***n-nondiskriminazzjoni***; jenfasizza li ***l-varar u*** l-użu ***ta' dawn it-teknoloġiji jridu jirrispettaw il-prinċipji ta' proporzjonalità*** u ***neċessità, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet għall-protezzjoni tad-data, il-privatezza u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll id-dritt sekondarju rilevanti tal-Unjoni bħar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data***; |

Or. en

**Emenda 92**
**Beata Kempa**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika; jenfasizza li l-użu ***tagħha għandu*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità; | 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika; jenfasizza li l-użu ***tagħhom irid*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità; ***jenfasizza li l-IA ma għandha qatt tieħu post il-bnedmin fir-rigward ta' ħruġ ta' sentenzi, u għandha tintuża biss fis-sistema ġudizzjarja għall-analiżi u l-ġbir ta' evidenza;*** |

Or. pl

**Emenda 93**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika; jenfasizza li l-użu ***tagħha għandu*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità; | 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika ***iżda jeħtieġu wkoll skrutinju pubbliku estensiv u rigoruż***; jenfasizza li l-użu ***tagħhom irid*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità; |

Or. en

**Emenda 94**
**Yana Toom**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika fil-qasam ***tal-infurzar tal-liġi u*** tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika; jenfasizza li l-użu ***tagħha għandu*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità; | 7. Jinnota li t-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali u tar-robotika fil-qasam tal-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika; jenfasizza li l-użu ***tagħhom irid*** jirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità ***u jirrispetta għal kollox id-drittijiet fundamentali***; |

Or. en

**Emenda 95**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jinnota ż-żieda fl-użu ta' sistemi ta' ġestjoni tax-xogħol li huma attivati bl-IA; jenfasizza li l-introduzzjoni ta' sistemi bħal dawn tqajjem kwistjonijiet sinifikanti dwar id-drittijiet tal-ħaddiema u s-sikurezza; jinnota li s-sistemi tal-IA użati għall-kontroll u l-ġestjoni tal-ħaddiema huma inevitabbilment ottimizzati biex jipproduċu benefiċċji għall-impjegaturi, ħafna drabi għad-detriment kbir tal-ħaddiema; ifakkar li l-Artikolu 22 tal-GDPR mhuwiex biżżejjed biex jipproteġi b'mod adegwat lill-ħaddiema fil-kuntest ta' sistemi ta' ġestjoni abilitati bl-IA; jitlob li jkun hemm regolamentazzjoni urġenti u speċifika f'dan il-qasam;*** |

Or. en

**Emenda 96**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa, fil-kuntest tar-rapport ta' evalwazzjoni tagħha skont l-Artikolu 92(5) tar-Regolament dwar l-ETIAS[1a], jekk il-fatt li jiddaħħlu lura l-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar miċħuda fil-punteġġ ta' riskju għal applikanti futuri mill-istess pajjiż terz ikunx ħoloq preġudizzju mhux ġustifikat kontra vjaġġaturi li, jekk ikunu applikaw minn pajjiż terz ieħor, u bl-affarijiet l-oħra kollha li jibqgħu l-istess, ikunu rċevew awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar;*** |
| | ***1a Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), ĠU L 236, 19.9.2019, p. 1-71, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32018R1240*** |

Or. en

**Emenda 97**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jistieden lill-Kummissjoni tippromulga salvagwardji b'saħħithom u obbligatorji biex tipprevjeni lill-Istati u lill-awtoritajiet pubbliċi milli jużaw ħażin l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati; jenfasizza li l-użu ħażin ta' dawn it-teknoloġiji mill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***awtoritajiet jista' jsir theddida diretta għad-demokrazija u għad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħna;*** |

Or. en

**Emenda 98**
**Katarina Barley, Marina Kaljurand, Sylvie Guillaume, Tudor Ciuhodaru, Paul Tang, Petar Vitanov, Miriam Dalli, Elena Yoncheva, Birgit Sippel**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja kriminali. | 8. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji ***u jistgħu faċilment ikollhom preġudizzju inerenti; jinnota li l-preġudizzji jistgħu jkunu inerenti fis-settijiet ta' data sottostanti, speċjalment meta tkun qed tintuża data storika, introdotta mill-iżviluppaturi tal-algoritmi, jew iġġenerata meta s-sistemi jiġu implimentati f'ambjenti reali***; iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja kriminali. |

Or. en

**Emenda 99**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u ***r-robotika*** mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja | 8. Jenfasizza li ***l-individwi għandhom dritt jafdaw li t-teknoloġija li jużaw taħdem b'mod raġonevoli, tirrispetta l-fiduċja tagħhom, u tipproteġi l-bona fede tagħhom fiha; jirrimarka li*** l-intelliġenza artifiċjali***, ir-robotika*** u ***t-teknoloġiji*** |

| | |
|---|---|
| kriminali. | ***relatati*** mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja kriminali. |

Or. en

**Emenda 100**
**Roberta Metsola, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Javier Zarzalejos, Kris Peeters, Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja kriminali. | 8. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; ***jenfasizza l-importanza tad-dritt għal spjegazzjoni meta l-persuni jkunu soġġetti għal teħid ta' deċiżjonijiet algoritmiku;*** iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja kriminali. |

Or. en

**Emenda 101**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja kriminali. | 8. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja ***kemm*** kriminali ***kif ukoll ċivili***. |

Or. en

**Emenda 102**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; iqis*** il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja kriminali**.** | 8. ***Iqis*** il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà fil-kuntest tal-ġustizzja kriminali ***u li r-responsabbiltà fl-applikazzjonijiet kollha tal-IA għandha dejjem taqa' fuq persuna legali;*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Kris Peeters, Axel Voss**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà ***fil-kuntest tal-ġustizzja kriminali***. | 8. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika mhumiex immuni milli jagħmlu żbalji; iqis il-ħtieġa li l-leġiżlaturi jirriflettu dwar il-kwistjoni kumplessa tar-responsabbiltà. |

Or. en

**Emenda 104**
**Birgit Sippel, Katarina Barley**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Ifakkar li skont l-Artikolu 22 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, persuna għandha d-dritt li ma tkunx soġġetta għal deċiżjoni bbażata biss fuq ipproċessar awtomatizzat, inkluż it-tfassil ta' profili, li jipproduċi effetti legali li jikkonċernaw lilu jew lilha jew li jaffettwawh/a b'mod ugwalment sinifikanti u li jeżistu biss eċċezzjonijiet limitati ħafna għal din ir-regola ġenerali; ifakkar fil-ħtieġa li l-algoritmi jkunu trasparenti, speċjalment dawk li jipproduċu effetti legali fir-rigward tal-individwi; jenfasizza li t-trasparenza dwar il-loġika sottostanti ta' algoritmu hija rilevanti ħafna għall-individwu affettwat sabiex id-drittijiet fundamentali tiegħu jew tagħha jiġu għal kollox protetti; ifakkar, barra minn hekk, li t-trasparenza dwar l-algoritmi użati hija wkoll tal-ogħla rilevanza għall-persuna li tieħu deċiżjoni finali bbażata fuq kalkolu algoritmiku, pereżempju, meta impjegat tal-bank irid jiddeċiedi dwar applikazzjoni għal self jew meta professjonist tar-riżorsi umani jrid jiddeċiedi lil min jimpjega.*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jipproponi li tiġi stabbilita Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali li tikkoordina d-determinazzjoni ta' ksur tal-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' nondiskriminazzjoni mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn fl-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Unjoni, b'mod partikolari n-Network għall-Kooperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi, il-korpi nazzjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur, il-grupp ta' livell għoli dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, u s-soċjetà ċivili, u tiffaċilita mezzi għall-individwi biex jikkontestaw u jirrimedjaw b'mod tajjeb il-ħsara kkawżata minn tali diskriminazzjoni, u ksur ieħor tad-drittijiet fundamentali min-naħa tal-intelliġenza artifiċjali u s-sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kemm jekk jirriżultaw minn atturi tas-settur pubbliku kif ukoll dawk tas-settur privat;*** |

Or. en

**Emenda 106**
**Paul Tang**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jinnota li l-IA hija ta' spiss użata mill-pjattaformi diġitali għall-algoritmi li jieħdu deċiżjonijiet awtomatizzati biex ixerrdu u jorganizzaw il-kontenut muri lill-utenti, inkluż biex jorganizzaw il-feed personali tagħhom; jenfasizza li dawn l-algoritmi, kif jaħdmu u kif jirranġaw il-materjal li jintwera, huma kaxxa sewda għall-utenti, li tneħħi l-għażla u l-kontroll mill-utent, tippermetti li jinħolqu kmamar tal-eku u twassal għal nuqqas ta' fiduċja fis-servizzi diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-perspettiva tal-utent finali tal-applikazzjonijiet tal-IA filwaqt li tfassal il-qafas etiku tagħha, b'enfasi fuq it-trasparenza, l-ispjegabbiltà u l-personalizzazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jissottolinja li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati huma teknoloġiji globali u li dawn l-istandards jeħtieġ li jiġu adottati madwar id-dinja sabiex jiġi żgurat li l-iżvilupp futur tagħhom ikun allinjat mal-valuri Ewropej u mal-istandards etiċi; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha fid-diplomazija dwar l-IA fil-fora internazzjonali ma' sħab tal-istess fehma bħall-Istati Uniti, il-G7, il-G20, u l-OECD biex jiġu stabbiliti standards u linji gwida etiċi komuni għall-iżvilupp tal-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Clare Daly, Mick Wallace, Konstantinos Arvanitis, Cornelia Ernst, Pernando Barrena Arza, Anne-Sophie Pelletier**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Itenni s-sejħa għat-twaqqif ta' Aġenzija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali, u jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm awtoritajiet superviżorji nazzjonali f'kull Stat Membru responsabbli li jiżguraw, jivvalutaw u jimmonitorjaw il-konformità mal-prinċipji etiċi u l-obbligi legali relatati mal-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Beata Kempa**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jenfasizza li jeħtieġ li jiġi introdott qafas ċar għall-użu tal-IA mill-pjattaformi tal-media soċjali, u bl-istess mod ir-rekwiżiti tat-trasparenza għall-algoritmi użati u l-kalibrazzjoni tagħhom, sabiex jiġu evitati t-tneħħija eċċessiva ta' kontenut u kwalunkwe forma ta' filtrazzjoni jew ċensura tal-internet;*** |

Or. pl

**Emenda 110**
**Paul Tang**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8b. Josserva li l-IA tista' tintuża biex jiġu analizzati u previsti aspetti li jikkonċernaw il-preferenzi personali, l-interessi jew l-imġiba ta' individwu, għat-tfassil tal-profili; jenfasizza li l-kwalità tal-output tal-IA li tieħu deċiżjonijiet awtomatizzati hija soġġetta għall-kwalità tad-data użata u l-parametri predefiniti magħżula; jenfasizza li l-użu tal-IA li tieħu deċiżjonijiet awtomatizzati jeħtieġ qafas leġiżlattiv b'saħħtu li jipproteġi l-privatezza u d-data personali, u flimkien ma' obbligu ta' diliġenza li jissorvelja l-użu leġittimu tal-IA, li ma japplikax għall-moderazzjoni tal-kontenut, jiżgura konformità sħiħa; jistieden għalhekk lill-*** |

***Kummissjoni tfassal reġim ta' obbligu ta' diliġenza permezz ta' linji gwida settorjali dettaljati sabiex tuża l-algoritmi li jieħdu deċiżjonijiet awtomatizzati b'mod konformi mad-drittijiet fundamentali tal-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza, kif stabbiliti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data[1a];***

______________

***1a Il-Premessa 71 u l-Artikolu 22 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data***

Or. en

**Emenda 111**
**Dragoş Tudorache**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8b. Jenfasizza li l-varar tal-IA, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati fis-soċjetà jiddependi fuq l-infrastruttura diġitali li jeħtieġ li tkun sigura, reżiljenti, u ħielsa minn tbagħbis potenzjali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura diġitali Ewropea billi tnaqqas id-dipendenza fuq it-teknoloġija prodotta minn kumpaniji li joriġinaw f'pajjiżi, u jkunu influwenzati minn reġimi, li ma jikkondividux il-valuri tagħna u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem;*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Sergey Lagodinsky**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***8b. Jissuġġerixxi li jinħoloq ċentru ta' għarfien espert, li jġib flimkien id-dinja akkademika, ir-riċerka, l-industrija u esperti individwali fil-livell tal-Unjoni, sew jekk bħala parti integrali minn tali Aġenzija sew jekk li jkun assoċjat magħha, biex irawwem l-iskambju ta' għarfien u għarfien espert tekniku, u biex jiffaċilita l-kollaborazzjoni madwar l-UE u lil hinn minnha;*** |

Or. en

**Emenda 113**
**Paul Tang**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***8c. Jirrimarka li l-IA tista' tintuża għar-riklamar personalizzat, b'mod partikolari riklami mmirati fuq livell mikro u relatati mal-imġiba, kif ukoll għall-valutazzjonijiet ta' individwi; jinnota l-impatt negattiv potenzjali tar-riklamar personalizzat, b'mod speċjali fuq il-minuri, billi jinterferixxi fil-ħajja privata tal-individwi; iqajjem kwistjonijiet dwar il-ġbir u l-użu tad-data użata għall-personalizzazzjoni tar-riklamar, li joffri prodotti u servizzi jew jiffissa l-prezzijiet; jipperċepixxi dawn l-iżvantaġġi bħala espressjonijiet ta' kif ir-reklami personalizzati jmorru kontra l-etika; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tuża l-qafas etiku tagħha biex tipprojbixxi kull reklam personalizzat;*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Paul Tang**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8d. Jinnota li l-IA tista' tintuża biex jiġu manipulati karatteristiċi tal-wiċċ u dawk awdjoviżivi, ta' spiss imsejħa deepfakes; Ifakkar fil-fatt li din it-teknika tista' tintuża biex jiġu manipulati l-elezzjonijiet, tinfirex id-diżinformazzjoni u tintuża għal azzjonijiet mhux xierqa oħra; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tuża l-qafas etiku tagħha biex timponi obbligu għall-materjal deepfake kollu jew għal kwalunkwe vidjow sintetiku magħmul b'mod realistiku, ħalli jiġi ddikjarat li l-materjal mhuwiex oriġinali u jiġi introdott limitu strett meta jintuża għal skopijiet elettorali;*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Paul Tang**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8e (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8e. Jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza; josserva l-iżvilupp rapidu tal-applikazzjonijiet tal-IA biex jirrikonoxxu elementi karatteristiċi uniċi, bħall-wiċċ, il-movimenti u l-attitudnijiet; iwissi dwar l-interferenzi fil-privatezza, in-nondiskriminazzjoni u l-protezzjoni tad-data personali bl-użu ta' applikazzjonijiet ta' rikonoxximent awtomatizzati; jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora fil-qafas etiku tagħha projbizzjoni assoluta fuq ir-rikonoxximent tal-wiċċ fl-ispazji pubbliċi*** |

| | |
|---|---|
| | ***u l-bini tal-edukazzjoni u projbizzjoni ta' ħżin mhux lokali ta' data użata għar-rikonoxximent tal-wiċċ;*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Paul Tang**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 8f (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8f. Ifakkar fl-importanza tad-diversità lingwistika u kulturali; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tuża l-qafas etiku tagħha biex ma tħallix lill-IA tnaqqas din id-diversità, imma tibqa' toffri aċċess għal varjetà wiesgħa ta' kontenut mingħajr ma jiġu rrappreżentati żżejjed lingwa waħda u/jew mudell kulturali u tikkundanna kull tentattiv mill-algoritmi li jirrestrinġu din id-diversità u joffru biss kontenut li jikkorrispondi għal mudelli diġà eżistenti jew li jistgħu jaġixxu bħala "kamra tal-eku" li timpedixxi aċċess għal aktar diversità;*** |

Or. en